MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 576/1998/1

**Alison Degabriele, Charles Camilleri u Anthony Degabriele ghal Degabriele Woodworks.**

**Vs**

**Adrian Axisa**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-atturi dahlu fi ftehim mal-konvenut sabiex jixtru u jimportaw makkinarju sportiv sabiex flimkien jiggestixxu kumpless sportiv ossia gym;

Premess illi l-konvenut huwa l-agent ta’ “Fassi” u wieghed lill-atturi illi ser jimporta l-makkinarju sportiv “at cost” u minghajr ma jaghmel qliegh propju biex jibdew negozju flimkien;

Premess illi wara li ngabu l-makkinarju sportiv u beda jintuza, l-atturi ghamlu ricerka u indunaw li fil-fatt il-konvenut ghamel qliegh sostanzjali ghad-danni tal-atturi;

Premess illi l-atturi hallsu prezzijiet ferm gholja milli kienu mweghdin;

Premess illi l-konvenut ghalkemm interpellat baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti,

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti liema somma thallset lill-konvenut indebitament.

2. tiddikjara l-konvenut responsabbli ghad-danni kkagunati lill-attur.

3. Tillikwida d-danni hekk ikkagunat lill-attur.

4. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi dawk id-danni lilhom ikkagunati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 18 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari l-eccipjent ma ghandu ebda relazzjoni giuridika ma’ l-atturi Charles Camilleri u Anthony Degabriele u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront taghhom bl-ispejjez kontrihom.

2. Illi bla pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-eccipjent ftiehem ma l-atturi jew xi hadd minnhom li ser jimporta l-makkinarju ‘at cost’ u li u ma jaghmel ebda qliegh fuq tali makkinarju.

3. Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz it-talba ghad-danni hija inveritiera u insostenibbli.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezbiti;

Rat id-digriet a fol. 24;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti ser tiddeciedi l-ewwel l-eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu, stante li jekk dina l-eccezzjoni tintlaqa ma jkunx hemm lok li l-Qorti tidhol fil-punt legali dwar ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet u bejn il-partijiet u l-kumpanija.

Il-konvenut esebixxa nota a fol. 38 li biha spjega x’kien il-ftehim bejn il-partijiet, x’kien is-sehem li hu u l-attrici kellhom johorgu, x’hargu fil-fatt, u kif inhareg is-sehem taghhom. Hu irrifera ghall ftehim Dok AAZ a fol. 48 tat-30 ta’ Ottubru, 1995. L-investiment totali kellhu jkun ta’ Lm28,189 u kull wiehed kellu johrog Lm14,094 (ara Dok a fol 51 u 72). Il-konvenut bhala sehem hareg Lm6000 *equipment* li diga kellu u li kien qed jahdem bih, u xtara *equipment* iehor minn barra. (Ara Dokti AA3 u AA4 a fol 49 u 50). Minn naha taghha l-attrici harget Lm18,594 tnaqqas Lm4500. (Ara Dokti AA6 u AA7 a fol 52 u 53; Dok AA9 a fol 55 u Dok AA10 a fol 56).

L-attrici ghamlet dina l-kawza ghaliex qed tippretendi li l-konvenut ma harigx is-sehem tieghu kollu kif suppost billi meta xtara l-*equipment* minn barra dan xtrah bi prezz baxx mentri l-kumpanija giet iccargjata prezz ghola biex

b’hekk hu deher li hareg is-sehem tieghu kollu. L-attrici qed tallega li l-konvenut ghamel Lm5,000 profitt fuqha. Hi qed tinsisti li l-*equipment* kellu jinxtara *‘at cost’* mill-konvenut.

Il-konvenut cahad li hu qatt ftiehem li kien ser jiccargja prezzijiet *‘at cost’* ghall-*equipment* li kien ser jixtri minn barra u li ma kienx ser jaghmel profitt. (ara fol 75). Hu qal li kien ser igib l-*equipment* bi prezzijiet tajbin. Hu esebixxa l-*invoices* bil-prezzijiet pero’ ma setghax jindika kemm kien il-profitt fuq kull *item* (ara dok a fol. 72).

Il-konvenut ipprezenta prospett a fol. 93 b’hames dokumenti biex jispjega kemm gie jiswa l-*equipment*, kemm sewa l-garr, l-*insurance* u VAT, u kemm imbaghad imbiegh lill-kumpanija Axels Ltd li fiha l-attrici stess kellha 50% ta’ ishma. Ghalhekk il-profitt li sar, mar fil-kumpanija fejn l-attrici kellha n-nofs.

Minn naha taghha l-attrici ma gabet ebda prova li hija hallset prezzijiet oghla milli suppost. Ma indikat imkien fejn huma dawn il-prezzijiet oghla u fejn sar l-allegat profitt ta’ Lm5,000. Ma gabet ebda kwotazzjoni mill-istess ditta jew ditti ohrajn biex turi li l-prezzijiet li l-konvenut iccargja huma ferm oghla mill-prezzijiet li hija sabet.

Inoltre jigi rilevat li l-attrici qalghet dina l-kwistjoni snin wara li hija u l-konvenut kienu qed joperaw flimkien u l-*equipment* gie importat, kif ukoll wara li l-*partnership* li kien hemm bejniethom gie terminat (ara xhieda a fol. 86 u Dok a fol. 80 sa 81).

Jinghad li kif jinsab akkolt fil-gurisprudenza taghna, min jallega li sofra hsara bi htija ta’ haddiehor, “*e’ nell’obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa all’altro perche` la colpa deve assumare una forma materiale e specifica quando viene imputata ad altri come causa di danno*” – “**Ingegnere Frank Calafato -vs- Carmelo Grech**”, Appell Civili, 23 ta’ Novembru 1921, a Vol XXIV pI p893.

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova xejn." (Ara Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri 31/3/72 PA RF ).

Dwar it-talbiet l-ohra ta' l-atturi ghal danni, ma ngabu ebda provi li huma sofrew xi danni u ghalhekk anke dawk it-talbiet ma gewx pruvati.

Illi fil-kaz in ezami ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attrici ma rnexxiliex tipprova t-talba taghha fil-mertu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tichad it-talba attrici
bl-ispejjez kontra taghhhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------